

32004L1415

5.8.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 258/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1415/2004****tad-19 ta' Lulju 2004****li jistabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal ċerti żoni tas-sajd u sajd**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar l-immaniġġjar ta' l-isforz tas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni tas-sajd u riżorsi tas-sajd tal-Komunità <sup>(1)</sup>, u b'mod speċjali l-Artikolu 11(2) tiegħu,

- (5) L-isforz annwali massimu tas-sajd, li għandu jġi ffixat għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru, skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd, għandu jkun daqs l-isforz tas-sajd globali magħmul matul il-perijodu ta' 5 snin bejn 1998 u 2002 minn daww il-bastimenti, diviż b'ħamsa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Billi:

*Artikolu 1***Suġġett**

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-introduzzjoni ta' sistema għall-immaniġġjar ta' l-isforz tas-sajd f'ċerti żoni tas-sajd u riżorsi tas-sajd tal-Komunità.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal kull Stat Membru u għal kull żona u sajd definiti fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003.

*Artikolu 2***Livelli massimi**

- (2) L-Istati Membri issottomettew lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa skond ir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 u b'mod partikolari l-isforz medju annwali tas-sajd għall-perijodu 1998-2002 magħmul minn bastimenti ta' 15-il metru jew aktar fit-tul kollu fiż-żoni definiti f'dak ir-Regolament u l-isforz medju annwali tas-sajd għall-perijodu 1998-2002 magħmul minn bastimenti ta' 10 metri jew aktar fit-tul kollu fiż-żona bijoloġikament sensitiva definita f'dak ir-Regolament.
- (3) Fl-istima ta' l-isforz tas-sajd imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 il-qawwa stallata għet mifhuma bħala l-qawwa ta' bastiment, kif definit fir-Regolament (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi karatteristiċi għal bastimenti tas-sajd <sup>(2)</sup>.

1. Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd, u skond l-Istat Membru, għaż-żoni msemmija fl-Artikolu 3 (1) (a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003, huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd, u skond l-Istat Membru, għaż-żona msemmija fl-Artikolu 6 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003, huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3***Transitu minn żona**

- (4) Il-Kummissjoni għaddiet lill-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa skond ir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 u, wara konsultazzjoni magħhom, għamlet stima tad-data provduta fir-rigward tal-limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd addottati skond il-miżuri preċedenti jew kurrenti tal-Komunità li jinvolvu jew li involvew l-immaniġġjar ta' l-isforz tas-sajd.

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-użu ta' l-allokkazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd skond iż-żona, kif definiti fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003, ma jirriżultax f'aktar żmien mgħoddi fis-sajd meta mqabbel mal-livelli ta' l-isforz tas-sajd magħmul matul il-perijodu ta' referenza.

<sup>(1)</sup> ĠU L 289, tas-7.11.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 274, tal-25.9.1986, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3259/94 (ĠU L 339, tad-29.12.1994, p. 11).

2. Sforz tas-sajd stabbilit bħala riżultat ta' bastiment li jkun fi transitu minn żona fejn l-ebda operazzoni ta' sajd ma twettqet matul il-perijodu ta' referenza ma għandux jintuża sabiex jitwettqu operazzjonijiet ta' sajd f'dik iż-żona. Kull Stat Membru għandu jirreġistra sforz tas-sajd bħal dan b'mod separat.

#### Artikolu 4

#### Metodoloġija

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-metodu użat biex ikun irreġistrat sforz tas-sajd ikun l-istess bħal dak użat fl-istima tal-livelli ta' sforz tas-sajd taħt l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar id-19 ta' Lulju 2004.

#### Artikolu 5

#### Osservanza ta' skemi oħra ta' limitazzjoni ta' l-isforz tas-sajd

Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd stabbiliti fl-Annessi I u II għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd stabbiliti fil-pjanijiet ta' rkupru jew xi miżuri oħra ta' immaniġġjar skond il-liġi tal-Komunità basta li l-miżura bl-inqas ammont ta' sforz tas-sajd tkun osservata.

#### Artikolu 6

#### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għall-Kunsill

Il-President

C. VEERMAN

## ANNEX I

## Livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd kif stabbiliti abbażi ta' l-Artikolu 3(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003

Żona tas-sajd (ħlief, fejn xieraq, għaż-żona definita fl-Art. 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003)	Medja annwali ta' l-isforz tas-sajd, f'kW(x)jiem (!), għall-bastimenti ta' 15-il metru jew aktar fit-tul kollu								
	Belġju	Danimarka	Ġermanja	Spanja	Franza	Irlanda	Olanda	Portugall	Renju Unit

Tabella A

## Speċi tal-qiegħ ħlief dawk koperti mir-Regolament (KE) Nru 2347/2002

Total	8 197 827	215 234	424 882	88 117 785	77 270 095	10 229 052	759 606	35 728 844	50 021 901
ICES V, VI	58 452	215 234	186 370	2 460 000	11 649 154	2 324 932	6 000	0	24 017 229
ICES VII	7 396 910	0	233 560	17 957 785	40 657 844	7 904 120	350 279	0	25 786 266
ICES VIII	742 465	0	4 952	33 100 000	24 963 097	0	403 327	2 552 222	218 406
ICES IX	0	0	0	15 300 000	0	0	0	29 936 606	0
ICES X	0	0	0	0	0	0	0	2 360 033	0
CECAF 34.1.1	0	0	0	14 500 000	0	0	0	94 659	0
CECAF 34.1.2	0	0	0	4 800 000	0	0	0	378 452	0
CECAF 34.2.0	0	0	0	0	0	0	0	406 872	0

Tabella B

## Molluski

Total	354 066	0	0	380 000	8 349 182	530 778	155 157	0	5 290 044
ICES V, VI	0	0	0	0	0	5 766	0	0	1 974 425
ICES VII	354 066	0	0	0	7 447 932	525 012	155 157	0	3 315 619
ICES VIII	0	0	0	170 000	901 250	0	0	0	0
ICES IX	0	0	0	210 000	0	0	0	0	0
ICES X	0	0	0	0	0	0	0	0	0
CECAF 34.1.1	0	0	0	0	0	0	0	0	0
CECAF 34.1.2	0	0	0	0	0	0	0	0	0
CECAF 34.2.0	0	0	0	0	0	0	0	0	0

Żona tas-sajd (ħlief, fejn xieraq, għaż-żona definita fl-Art. 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003)	Medja annwali ta' l-isforz tas-sajd, f'kW(x)jiem <sup>(1)</sup> , għall-bastimenti ta' 15-il metru jew aktar fit-tul kollu								
	Belġju	Danimarka	Ġermanja	Spanja	Franza	Irlanda	Olanda	Portugall	Renju Unit

Tabella Ċ

**Granċi u Għaġus li jittieklu**

<i>Total</i>	0	0	0	2 920 000	2 465 482	505 960	0	0	1 245 658
ICES V, VI	0	0	0	0	0	465 000	0	0	702 292
ICES VII	0	0	0	0	1 946 719	40 960	0	0	543 366
ICES VIII	0	0	0	500 000	518 763	0	0	0	0
ICES IX	0	0	0	750 000	0	0	0	0	0
ICES X	0	0	0	0	0	0	0	0	0
CECAF 34.1.1	0	0	0	0	0	0	0	0	0
CECAF 34.1.2	0	0	0	1 670 000	0	0	0	0	0
CECAF 34.2.0	0	0	0	0	0	0	0	0	0

<sup>(1)</sup> Biex ikun kalkolat l-isforz għas-sajd magħmul minn bastiment f'żona partikolari, l-attività tiġi ddefinita, għall-bastiment barra mill-port, bħala n-numru ta' ġranet li l-bastiment jkun 'l baħar fiż-żona, miżjud jew imnaqqas sa l-eqreb numru sħiħ.

## ANNEX II

## Livelli ta' sforz annwali massimu tas-sajd kif stabbiliti fiż-żona bijoloġikament sensittiva msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003

Speċi mmirati fiż-żona bijoloġikament sensittiva definita fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003	Medja annwali ta' l-isforz tas-sajd, f'kW(x)jiem <sup>(1)</sup> , għall-bastimenti ta' 10-metri jew aktar fit-tul kollu								
	Belġju	Danimarka	Ġermanja	Spanja	Franza	Irlanda	Olanda	Portugall	Renju Unit
Speċi tal-qiegħ ħlief dawk koperti mir-Regolament (KE)Nru. 2347/2002	135 432	0	8 326	5 642 215	9 559 653	7 154 490	0	0	3 061 485
Molluski	0	0	0	0	31 039	109 395	0	0	1 223
Granċi u Għaġus li jittiekle	0	0	0	0	84 690	63 198	0	0	393
<i>Total</i>	135 432	0	8 326	5 642 215	9 675 382	7 327 083	0	0	3 063 101

(<sup>1</sup>) Biex ikun kalkolat l-isforz għas-sajd magħmul minn bastiment f'żona partikolari, l-attività tiġi ddefinita, għall-bastiment barra mill-port, bħala n-numru ta' ġranet li l-bastiment jkun 'l baħar fiż-żona, miżjud jew imnaqqas sa l-eqreb numru sħiħ.